MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## MARIO SCERRI

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 27/2009

Sullivan Maritime Limited C20340 bhala mandatarja specjali tal-kumpannija estera Atlantica S.p.A di Navizgazione (IT002787300825)

vs

Joseph Mercieca

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fid-9 ta' Settembru 2009, li jaqra hekk :-

'Illi f'Dicembru 2008, is-socjeta' attrici rrendiet servizzi lill-konvenut relatati mal-garr ta' trakk tat-tip Volvo bin-numru tar-registrazzjoni Y621GKK minn Southampton, Renu Unit sa Valletta, Malta, abbord il-bastiment Grande Ellade ;

Illi l-ispejjez u drittijiet relatati mas-servizzi imsemmija jammontaw ghas-somma ta' tlett elef, mija u tlettax –il Euro u sitta u sebghin centezmi (€3,113.76) ;

Illi fil-5 ta’ Jannar 2009, il-konvenut hallas permezz ta’ cekk is-somma ta’ elf, tliet mija u tmienja u sittin Euro u tnejn u disghin centezmu (€1,368.92). Ghalhekk il-bilanc dovut lis-socjeta’ attrici hija dik ta’ elf seba’ mija u erbgha u erbghin Euro u erba’ u tmenin centezmu (€1,744.84) oltre l-imghax legali ;

Illi ghalkemm interpellat sabiex ihallas il-bilanc hawn fuq imsemmi, il-konvenut baqa’ inadempjenti ;

Illi ghaldaqstant is-socjeta’ attrici qed tippretendi hlas ta’ €1744.84 oltre l-imghax legali ;

Bl-ispejjez inkluz tal-ittra ufficjali datata 2 ta’ April 2009, u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.’ ;

Il-konvenut permezz  tar-risposta tieghu pprezentata fil-21 ta’ Ottubru 2009, eccepixxa  :-

‘1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt ghaliex is-socjeta’ attrici wettqet l-appalt afdat lilha b’mod negligenti ghall-ahhar u kkagunat, jew halliet li jigu kagunati fil-vettura afdata lilha hsarat ingenti. Dawn id-danni ammontaw ghal €1,744.84, u kien dan l-ammont illi tnaqqas mill-ammont mitlub da parti tas-socjeta’ attrici meta l-esponenti ircieva l-kont minghandha l-ewwel darba, fit-22 ta’ Dicembru 2008. Dak il-kont kien jammonta ghal €3133.76, u l-esponenti kien pront hallas il-bilanc ta’ €1368.92 permezz ta’ cheque numru 1452 illi ssarraf mill-attrici. Meta thallas dak il-bilanc l-esponenti ghamilha cara illi dak l-ammont kien qed jithallas a saldu, u s-socjeta’ attrci sarrfet dak ic-cheuqe minghajr ma wettqet ebda rizerva ;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez.’ ;

Fl-istess risposta tieghu l-konvenut ghamel kontro-talba kontra s-socjeta’ attrici li taqra hekk :-

‘Peress illi s-socjeta’ attrici giet inkarigata iggorr truck tat-tip Volvo numru tar-registrazzjoni Y621GKK minn Southampton sa Valletta, Malta, abbord il-vapur Grande Ellade ;

U peress illi waqt illi t-truck kien abbord dan il-bastiment sofra danni ingenti, ammontanti ghal €1744.84c skond kif sejjer jigi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni ;

U peress illi ghal din il-hsara tahti s-socjta’ attrici ;

U peress illi l-konvenut irid il-valur ta’ dawn id-danni jigi dikjarat pacut ma’ ammont simili mitlub mis-socjeta’ attrici minghandu ;

Ghid inti konvenut il-ghaliex ma ghandux dan it-Tribunal jiddikjara illi inti responsabbli sabiex taghmel tajjeb ghall-hsarat sofferti fir-truck fuq imsemmi, jillikwida il-valur tal-ispejjez necessarji sabiex jitrangaw dawn il-hsarat fl-ammont ta’ €1744.84, u jiddikjara dan l-ammont pacut ma’ ammont simili mitlub da parti tas-socjeta’ attrici ;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tan-nota fl-atti tal-ittra ufficjali numru 225/209 kontra s-socjeta’ attrici, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.’ ;

Ghal din il-kontro-talba s-socjeta’ attrici pprezenta r-risposta taghha fit-13 ta’ Novembru 2009, fejn eccepiet illi :-

‘Illi fil-mertu l-esponenti qed tikkontesta t-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant kif migjuba fil-kontro-talba bhala nfondati sew fid-dritt u kif ukoll fil-fatt ;

Illi fl-ewwel lok qed jigi sottomess illi kwalunkwe danni li seta’ soffra l-konvenut rikonvenzjonant mhijiex responsabbli ghalihom is-socjeta’ attrici bhala agenta tas-socjeta’ estera Atlantica S.p.A di Navigazione skond kif johrog mill-kundizzjonijiet li ghalihom kien soggett il-*contract of carriage* applikabbli ghal *bill of lading* ;

Illi kemm –il darba jirrizulta li l-allegazzjonijiet tal-konvenut rikonvenzjonant kif migjuba fil-kontrotalba huma gustifikati, u li hija responsabbli ghalihom l-esponenti, il-konvenut rikonvenzjonant irid igib prova tad-danni allegatament sofferti minnu ;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt ;

Bl-ispejjez.' ;

Sama' l-provi ;

Ra l-atti kollha tal-kawza, u d-dokumenti esibiti ;

Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza ;

Ikkunsidra :

Illi l-kontestazzjoni bejn il-partijiet mhijiex il-hlas pretis mis-socjeta' attrici ghas-servizzi tat-trasbord bil-bahar tal-vettura kummercjali Volvo FH12 bin-numru ta' registrazzjoni Y621GKK mill-port ta' Southampton, fir-Renju Unit ghal port ta' Valletta, Malta. Lanqas ma jidher li hemm kontestazzjoni da parti tas-socjeta' attrici dwar il-*quantum* tad-danni li qed jigu reklamati mill-attur billi d-dokument a fol.26 mahrug mill-kumpannija V. Spiteri & Sons. Ent. Ltd. u li gie debitament ikkonfermat bil-gurament, bl-ebda mod ma gie kkontestat. Il-pern tal-kontestazzjoni hija dwar jekk is-socjeta' attrici Atlantica S.p.A di Navigazione ghandhiex tigi tenuta twiegeb ghad-danni li taghhom qed izommha responsabbli l-konvenut, f'liema eventwalita' jekk il-kontro-talba esperita mill-konvenut fil-konfront taghha jkollha tirnexxi ma jkunx dovut ebda bilanc ta' hlas li qed jintalab mis-socjeta' attrici billi dan kien l-ammont li l-konvenut kien zamm il-hlas tieghu lis-socjeta' l-ohra Sullivan Maritime Ltd., biex jithallas tal-hsara minnu sofferta fil-merkanzija, li pero' din tal-ahhar mhijiex parti fil-kawza. Ma jirrizultax mill-korrispondenza esibita li l-konvenut meta baghat il-pagament ta' €1368.92 b'cekk numru 1452 lis-socjeta' Sullivan Maritime Ltd., dan kien hallsu a saldu u ma jistax jinghad li din il-kumpannija bit-tisrif ta' dak ic-cekk

ppregudikat b’xi mod il-pozizzjoni taghha jew tas-socjeta’ attrici ;

Biex il-konvenut jirnexxi fil-kontro-talba tieghu huwa jrid jipprova mhux biss li  l-hsarat lamentati fit-trakk saru fil-perjodu bejn meta beda jittella’ fuq l-vapur mill-port ta’ Southampton, fir-Renju Unit, sakemm gie biex jitnizzel fil-port ta’ Valletta, Malta, izda wkoll li hija responsabbli s-socjeta’ estera Atlantica S.p.A di  Navigazione li ghamlet ix-xoghol ta’ trasbord bil-bahar (*carriage by sea*). Kif hareg mix-xhieda ta’ Joseph Debono li kienet il-persuna nkarigata mill-konvenut biex twassal it-trakk sal-port ta’ Southampton sakemm dan gie biex jitghabba fuq il-vapur, ma kellux il-hsara li minnha qed jilmenta  l-konvenut. Xehed ukoll Roger Micallef li kienet il-persuna li mar biex jigbor it-trakk mill-port ta’ Malta li kkonferma li huwa innota l-hsarat fuq it-trakk meta t-trakk kien ghadu ma tnizzilx minn fuq il-vapur, li billi ma setghax jaqbad kellu jigi rmunkat u mkaxkar mill-haddiema tal-port minn fuq il-vapur ghal fuq l-art, kif ikkonferma dan ukoll ix-xhud Orazio Spiteri. Dan tal-ahhar ikkonferma wkoll bil-gurament l-istima tat-tiswija ta’ dawn il-hsarat, liema riparazzjonijiet saru mill-kumpannija li taghha huwa mpjegat V. Spiteri & Sons. Ent. Ltd. ;

Kwantu ghar-responsabbilita’ tas-socjeta’ attrici jidher, fil-fehma konsiderata ta’ dan it-Tribunal, li l-pozizzjoni legali hija din : Fil-polza tal-kariku esbita a fol.20 jinghad espressament : ‘*Shipped in apparent good order and condition (unless otherwise noted herein) the total number or quantity of containers or other packages or units indicated above stated by the Shipper to comprise the cargo specified above for transportation subject to all the terms hereof (including  the terms on the reverse , hereof, and the terms of the Carrier’s applicable tariff) from the place of acceptance or the port of loading, whicever applicable, to the port of discharge or place of delivery whichever applicable. On presentation of the original of this bill of Lading (duly endorsed to the Carrier, by or on behalf of the Holder, the rights and  liabilities arising in accordance with the terms hereof shall  ......... become binding in all respects between the Carrier and Holder as*

*though the Contract contained herein or evidenced hereby had been made between them .....*' ;

Din il-polza giet mahruga mill-agenti tal-vapur ghall-kaptan tal-vapur li hu ormai pacifiku jirrapprezenta l-proprjetarji u l-armaturi tal-vapur. Kif imfisser fid-decizjoni : **Wilfred Mamo et noe vs Paul Mifsud et noe**, Appell Kummercjali, 5 ta' Gunju 1987, 'il-kliem fil-polza *shipped in apparent good order and condition* ossija l-hrug tal-*clean bill of ladin*g jistabbilixxu *prima facie* l-prova li l-merkanzija imsemmija fil-polza giet karigata f'kondizzjoni tajba u timponi l-obbligu li l-merkanzija tigi skarikata fl-istess kondizzjoni tajba.' Gie pero` ravvisat ukoll *'che la polizza in quei termini, sebbene stabilisce prima facie una prova, benche` non concludente, che le merci siano state caricati in buona condizione, tuttavia quei termini non sono operative contro tutte le altre condizioni apposte nella medisima polizza ed aventi lo scopo di esentare dalla responsabilita` i proprietari per cio che accadrebbe lungo il viaggio*.' [Qorti Tal-Kummerc, **Negte Lorenzo Mifsud vs Negte Remigio Pace noe**, deciza fit-8 ta' Jannar 1884, Kollez. Vol. X.361]. Gie ribadit li : 'Bhala regola, meta l-iskarikazzjoni tal-merkanzija minn fuq il-vapur issir a kura tal-agent tal-kaptan, dan jibqa' responsabbli sal-mument tal-effttiva rikonsenja lid-destinatarju, jew sad-depozitu tal-merkanzija fil-kazijiet kontemplati mill-ligi ; u ghalhekk hu jirrispondi ghat-telf u ghan-nuqqas, u anki ghas-serq, li jistghu jivverifikaw ruhhom fil-merkanzija anki fil-waqt li din tkun fuq il-braken jew fuq il-bankina, u anki wara li tkun giet depozitata fid-Dwana u tkun qeghdha hemm,  sakemm ma tkunx giet effettivament ikkonsenjata lid-destinatarju, ammenokke' hu ma jfornixxix prova tal-kaz fortwitu jew ta' forza maggjuri. Dan hu korrett, konformi ghat-taghlim tad-dottrina u tal-gurisprudenza fil-materja ; izda, naturalment, din ir-regola tista' tigi modifikata bi ftehim bejn il-partijiet, sakemm dak il-ftehim ikun lecitu, u dan il-ftehim, bhala regola, ikun jirrizulta mill-kuntratt tan-nolegg jew mill-polza tal-kariku.' [Appelli Kummercjali, **John J. Borg vs Paolo Mifsud noe**, deciza fis-27 ta' Novembnru 1961] ;

Jirrizulta effettivament minn ezami tal-polza tal-kariku regolanti dan in-nolegg li saret rizerva fir-rigward tar-responsabbilita' tat-trasportatur (*carrier*) fis-sens li giet inserita fil-polza dik li tissejjah klawsola ta' ezoneru bil-kliem : '*Unpacked and unprotected, Vessel, Line or its Agents are neither responsible for dents, scratches and/or other damage to the vehicle(s) nor for theft or removable fittings and/or accessories and/or contents of any kind, even if itemised in this bill of lading. Shipper has been advised prior to shipment, not to leave any objects or personal belongings inside the vehicle, unless at their own risk. The Carrier, Master, Crew and/or Agents, are not responsible in any way liable for the condition of the outer as well as of the inner parts of the boats(s) or vehicle(s) including all mechanical/electrical parts and furthermore decline any responsibility for any damage which may occur during loading/unloading operations on account of the malfunctioning of the vehicles ........ Shippers, Buyers and/or forwarders are advised to ensure that siutable marine insurance cover is in place to underwrite such losses.*' Inghad fis-sentenza fuq citata **Borg vs Mifsud**, li 'klawsoli ta' irresponsabbilita' bhal dawn accessorji ghall-kuntratt ta' nolegg jew imnizzlin fil-poloz tal-kariku, huma perfettament validi u obbligatorji; taht il-limiti, pero' li ma jkunux kuntrarji ghall-ordni pubbliku, ghall-kostumi tajba, jew ghal dispozizzjoni precettiva tal-ligi.' [**Bolaffio e Vivante, Vol.VIII, pag.510**]. Kif gie rilevat fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet : **John Aquilina vs Giovanni Coleiro noe**, deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit- 23 ta' Frar 1950, b'referenza espressa ghall-Halsbury's Laws of England, Vol. 30 p 371, fic-charter parties *'more weight is to be given to the written than to the printed term*s' u dan ghar-raguni kif spjegat fil-kawza "Robertson -vs- French" (1803) *"the written terms embody the special stipulations which the parties, after consideration of all the circumstances have introduced for the purpose of meeting this special requirement*s.' ;

L-operazzjoni tal-karikazzjoni, stivagg u skarikazzjoni tirrientra fil-kazijiet ordinarji fil-kompitu tal-vapur, *'but these operations may be undertaken by the shipper or consignee. It is submitted that such an arrangement is not*

*prohibited by the Rules (Hague), and that a provision by which the shipper undertakes to load, or the consignee to discharge, the goods is one which defines the scope of the contract service rather than the terms on which that service is to be performed, and that is therefore valid notwithstanding Act III, r. 8*." [Carver **Carriage by Sea**, Vol. 1, 12th Edition, pag.269]. Mill-polza tal-kariku a fol.20 jirrizulta li l-operazzjoni tal-karikazzjoni, stivagg, u skarikazzjoni kienet kollha kompitu tas-socjeta' attrici li taghmel. Tajjeb li f'dan il-kuntest tigi enfasizzata wkoll id-distinzjoni bejn is-servizzi li tipprovdi u li effetivament gew ipprovduti lill-konvenut mis-socjeta' attrici ta' trasbord ta' merkanzija bil-bahar ossija servizzi ta' garrier marittimu jew ta' *carrier*, u s-servizzi ta' *shipment ta*' merkanzija li tipprovdi u li effettivament gew provduti mis-socjeta' Sullivan Maritime Limited meta giet inkarigata mill-konvenut sabiex tehodlu hsieb it-trasbord tal-merkanzija li ntbaghtet mir-Renju Unit ghal Malta. Id-definizzjoni tal-parametri ta' dawn servizzi resi minn socjeta' wahda u l-ohra huma determinanti wkoll biex tigi deteminata r-responsabbilita' ghad-danni li qed jirreklama l-konvenut u li qed jaddebita din il-htija fuq is-socjeta' attrici ;

Minn dan kollu li johrog mill-atti jirrizulta car li s-socjeta' attrici Atlantica S.p.A di Navigazione kienet espressament ezonerat ruhha mir-responsabbilita' ghal kull hsara u/jew serq fuq il-merkanzija trasportata mill-mument li l-vettura giet biex titghabba fuq il-vapur sal-mument li din giet biex tigi skarikata minn fuq il-vapur. Kienet is-socjeta' Sullivan Maritime Ltd. bhala x-*shipper* li kellha r-responsabbilita' li tassigura li l-merkanzija tkun koperta b'polza tal-assikurazzjoni marittima adegwata qabel ma din tghabbiet fuq il-vapur biex taghmel tajjeb ghal kull eventwalita' ta' hsara jew telf li tista' ggarrab il-merkanzija waqt li tkun in transitu, u f'dan is-sens giet espressament inserita klawsola ta' twissija fil-polza tal-kariku li ''*Shippers, Buyers and/or forwarders are advised to ensure that siutable marine insurance cover is in place to underwrite such losses*', haga li mill-atti ma' jidhirx jew ma ngabitx prova li saret minn naha tas-socjeta' Sullivan Maritime Ltd., li giet afdata mill-konvenut bis-servizz u tehodlu hsieb li ggiblu hawn Malta dan it-trakk mir-Renju Unit, pero' din il-

kumpannija mhix parti fil-kawza billi f'dawn il-proceduri qed tagixxi semplicement bhala mandatarja specjali tas-socjeta' estera Atlantica S.p.A di Navigazione li mill-istess polza tal-kariku kienet it-trasportatur (*carrier*) tal-merkanzija allegatament danneggjata, u mhux ukoll fil-kapacita' taghha personali ;

Ghalhekk il-kontro-talba in kwantu diretta kontra s-socjeta' attrici Atlantica S.p.A di Navizgazione mhijiex sostenibbli. Salv ghal din il-pretensjoni tal-attur li jnaqqas id-danni allegatament sofferti mill-kont tas-servizzi li kien intbaghat lilu, huwa ma kellu ebda kontestazzjoni ohra dwar dan il-kont ;

Ghall-motivi premessi dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi filwaqt li jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici ghall-hlas tas-somma ta' elf seba' mija u erbgha u erbghin Euro u erbgha u tmenin centezmi (€1744.84), jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici din is-somma bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ittra ufficjali tat-2 ta' April 2009, sal-hlas effettiv. Konsegwentement qed jichad ukoll il-kontro-talba tal-konvenut in kwantu din saret kontra s-socjeta' attrici Atlantica S.p.A di Navigazione ;

Spejjez a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------